MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 216/2004

**Rikors numru 216/04DM**

**Associated Supplies Limited**

**Vs**

**Andrew Mifsud ta' Androxa Furniture Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici tablet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija, tmienja u tmenin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm1,988.40) rappresentanti l-bilanc dovut mill-konvenut mill-prezz ta' 'light fittings' lilu mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici kif jirrizulta mill-'statement' anness mall-avviz u mmarkat bhala dokument 'ASL 1'.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-18 ta’ Frar, 2003, u ta’ l-ittri ufficjali tal-11 ta’ Marzu, 2003, u tas-27 ta’ Ottubru, 2003, (dokumenti ‘ASL 2’ u ‘ASL 3’) u bl-imghaxijiet legali b’effett mit-3 ta’ Awissu, 2002, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ elf, disa’ mija, tmienja u tmenin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm1,988.40) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mit-3 ta’ Awissu, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------